MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2009

Numru. 1051/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR FRANS MICALLEF**

**KONTRA**

**STEPHEN PIROTTA ta' 38 sena, iben Paul u Antonia nee' Galea, imwieled nhar id-29 ta' Novembru, 1970, residenti fil-fond Flat 7, Block I, Ent A, Triq Hal-Farrug, Luqa, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 506670M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi STEPHEN PIROTTA li gie akkuzat talli:

1. Nhar l-4 ta' Awwissu, 2006 ghall-habta ta' 2.00pm gewwa Block I, Ent A, Hal-Farrug, Luqa kiser il-paci pubblika b'ghajjat, storbju, glied jew mod iehor;

2. U aktar talli hebb ghal Cathy Azzopardi u Rose Azzopardi u kkagunalhom griehi ta' natura hafifa skond kif iccertifikaw Dr J Borg mill-Paola Health Centre, u Dr David Fenech MD;

3. U aktar talli nsulenta bil-kliem lil Cathy Azzopardi, Rose Azzopardi u Daniel Azzopardi;

4. U kif ukoll talli ghamel hsara volontarja li tammonta ghal izjed minn Lm50.00 izda inqas minn Lm100.00 ghad-dannu ta' Daniel u Cathy Azzopardi.

Rat li fi stadju tal-bidu tal-proceduri David Azzopardi ghazel li jirrinunzja ghal kull azzjoin kriminali;

Rat ukoll il-verbal tal-partijiet ta' nhar it-3 ta' Gunju, 2009 fejn qablu li kien hemm rinunzja ghall-proceduri kriminali tal-partijiet.

F'dan ir-rigward rat ix-xhieda ta' Carmen Azzopardi fejn qalet li ma kellha ebda, jew ahjar ma kien baqaghlha ebda divergenzi pendenti ma' Stephen Pirotta.

Rat ukoll l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, u cioe':
L-Artikoli 338(dd), 214, 221, 339(1)(e), 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat il-kunsens ta' l-imputat ghal proceduri sommarji.

Konsiderando r-rinunzji li gew avvanzati mill-parte civile anke in kwantu ghall-hlas ghas-saldu tad-danni kkagunati, tqies li l-akkuzi taht l-Artikoli 214, 221, 339, 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta llum ghandhom il-procediment ezawrit;
Konsiderando dak li xehdu l-parte leeza specjalment Cathy Azzopardi u Rose Azzopardi, issib lil Stephen Pirotta hati ta' l-Artikolu 338(dd) u tikkundannah ghal ammenda ta' hamsa u hamsin Ewro(€55)

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------